MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 217/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anna Marie Micallef)**
**Vs**
**Paul Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant (138170(M)) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Diċembru, 2009 għall-ħabta tas- 02.30 hrs ġewwa Triq Ponsonby, Gżira, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor mobbli jew immobbli meta għamel ħsara f'vettura KBD 267 ta' l-għamla Kia, liema ħsara tammonta għal wieħed u erbgħin Euros għad-detriment ta' Raymond Magro.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-

appellant ħati tal-akkuża miġjuba kontra tieghu, imma ma kkundannatux għal piena karċerarja iżda lliberatu taħt il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta w ordnat lill-appellant iħallas is-somma ta' wieħed u erbgħin Euro (€41) danni lil Raymond Magro fi żmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fis-17 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita' tagħha w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi dan il-kaz ippreżenta kunflitt ta' provi qawwi, fis-sens illi kien hemm żewġ verzjonijiet, dik tal-parte civile, u dik ta' l-appellant li huma kuntrarji. Fl-istess hin pero' l-verzjoni tal-parte civile ma għandha xejn x'jikkoroboraha.

Illi di piu' ma ġiex pruvat illi din il-vettura kienet fil-fatt tappartjeni lil Raymond Magro, kif imsemmi fl-akkuza.

Illi bla preġudizzju għal dak li fuq ingħad, anke l-mod kif inhuwa deskritt l-appellant jirrendi l-akkuża fiha nnifisha nulla ghaliex kunjom missier l-appellant huwa indikat bħala "Grecg" u mhux Grech, bħalma fil-fatt huwa kunjom l-appellant.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Il-Qorti ser tittratta l-aggravji seriatim.

L-ewwelnett il-fatt li jkun hemm żewġ verżjonijiet kontra xulxin ma jfissirx li allura l-Qorti trid tillibera. Il-Qorti għandha teżamina jekk xhud hux aktar kredibbli minn ieħor. Jekk tasal fil-konklużjoni li ma tistax tagħżel, allura tillibera. Iżda jekk tasal fil-konklużjoni li x-xhieda ta' wieħed hija kredibbli u tal-ieħor mhix, allura tagħżel daik li hija kredibbli.

Fil-każ odjern il-Qorti semgħet u rat kemm lill-appellant kif ukoll lill-parte civile jixhdu. Bla ebda eżitu, il-Qorti tagħżel il-verżjoni tal-parte ċivili bħala dik l-aktar attendibbli. Il-parte ċivile kien ċert minn dak li kien qed jgħid u seta' jara x'qed jiġri waqt li kienet qed issir ħsara lill-karozza KBD – 267. Huwa għaraf lill-appellant kemm waqt li kienet qed issri il-ħsara kif ukoll fl-Awla tal-Qorti. L-appellant ma kienx il bogħod minn fejn kien il-parte civile. Saħansitra sema' l-arja ħierġa mit-tyre u dak il-ħin qam l-appellant. Prattikament sab it-tyre maqsum dak il-ħin stess. Kien hemm il-ġenwinita' wkoll meta l-parte civile stqarr bil-ġurament li kien ħabbat bieb ieħor flok dak tal-appellant. Kieku kien qed jigdeb dan id-dettall kien iħallieh barra. L-istess xhud qal ukoll li l-appellant saħansitra f'mument minnhom wieġeb li ser jirranġa t-tyre u dan qalu għal darba, tnejn.

Min-naħa l-oħra xejn ma impressjoni l-imputat fuq il-pedana tax-xhieda. Iċ-ċaħda tiegħu ma kenitx ġenwina iżda waħda robotika għall-aħħar. Filfatt fl-eżami tiegħu huwa qal biss 26 kelma u fil-kontro-eżami ma marx aħjar. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq ix-xhieda tal-appellant.

Fl-ewwel aggravju l-appellant issottometta wkoll li x-xhieda tal-parte civile m'hemm xejn li jikkorroborha. Bir-rispett kollu l-Kodiċi Kriminali jgħid li xhieda ta' xhud wieħed hija biżżejjed u f'każi bħal dawn m'hemmx bżonn ta' korroborazzjoni.

**Għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun respint.**

It-tieni aggravju huwa li ma saritx il-prova li l-vettura tappartjeni lill-parte ċivili, Raymond Magro.

Il-provi jistgħu jsiru b'xhieda okulari, dokumentarji jew b'dikjarazzjonijiet ġuramentati li wieħed jsita' joqgħod fuqhom. M'hemmx għalfejn biex issir il-prova li Raymond Magro huwa sid il-vettura li jitla' xi bejjiegħ li jgħid li bigħhielu jew li l-parte civile tipproduċi xi dokument ta' xiri. Huwa biżżejjed li l-aprte civile ħadet interess fil-karozza għax li kienet ta' ħadd ieħor għal bżonn kien joqgħod bi kwietu. Oltre dan huwa xehed li kien libes u niżel għax filgħodu kellu appuntament biex imur x'imkien ħalli jekk it-tyre kien baxx jkun jaf li għandu tyre baxx. Il-konklużjoni hija li l-karozza hija tiegħu għax mhux sejjer isuq karozza ta' ħadd ieħor għall-appuntament.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tirrespinġi t-tieni aggravju tal-appellant.**

It-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar huwa dwar kunjom missieru li jdiher bħala 'Grecg'. Dwar punti bħal dawn diġa' hemm ġurisprudenza fis-sens wkoll li kieku kien hemm xi differenza żgħira f'isem l-appellant, ġaladraba jkun wieġeb għaċ-ċitazzjoni, ma jibqa' ebda dubju dwar l-identita' tiegħu. F'dan il-każ jidher ċar li hemm żball tat-typing għaliex il-'g' u l-'h' huma ħdejn xulxin fuq it-tistiera tat-typrwriter jew tal-komputer. Oltre dan ma jidher li hemm ebda dubju dwar in-numru tal-karta tal-identita' li hija t-timbru tal-personalita'.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tirrespinġi t-tielet aggravju tal-appellant.**

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-5 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Paul Grech' pjenament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------